MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1031/2011

**Atlas Insurance PCC Limited [C-5601]**

**vs**

**Alain Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija tmienja u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi ta' euro (€858.73) liema ammont jirraprezenta premia in konessjoni mal-hrug ta' poloz ta' assikurazzjoni fuq struzzjonijiet tal-konvenut bin-numri 031136-501 u 031136-501-003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna nhar il-5 ta' Jannar, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti

li nzammu quddiem it-Tribunal nhar il-31 ta’ Jannar, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici nhar il-31 ta’ Jannar, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tmien mija tmienja u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi ta’ euro (€858.73), bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------